MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Numru 21/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Francis Michael Stuart Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 21 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat, Francis Michael Stuart Saliba li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi f'xi zmien matul is-sena elfejn u erbgha (2004), il-Pulizija rceviet informazzjoni li certu Anthony Saliba, li jigi missier l-akkuzat Francis Michael Stuart Saliba, kien qieghed jittraffika d-droga. Xi zmien wara, fis-16 t' Ottubru ta' l-istess sena, xi ufficjali tal-Pulizija segwew il-vettura ta' Anthony Saliba fl-inhawi tal-Kottonera. Huma osservaw li f' hin minnhom Anthony Saliba ghamel kuntatt ma' persuna ohra li kienet gewwa vettura griza w ghaddietilha basket abjad. Din il-persuna dahlet il-baskett fil-bagol ta'

wara tal-vettura l-griza w saqet minn fuq il-post. Il-Pulizija, peress illi ssuspettaw li l-kontenut ta' dak il-baskett seta' kien droga, segwew il-vettura l-griza w waqqfu lis-sewwieq taghha. Irrizulta li dan is-sewwieq kien l-akkuzat Francis Michael Stuart Saliba. Wara tfittxija li ghamlu fil-vettura ta' l-akkuzat, sabu dan il-baskett li kien jikkontjeni sustanza li dehret li kienet raza mehuda mill-pjanta Cannabis. Fil-fatt minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament id-droga msemmija f'ammont ta' kwazi zewg kilos u nofs, liema sustanza ghandha l-valur ta' izjed minn sitt-elef u hames mitt lira Maltija (LM6500). L-akkuzat ma kienx dipendenti mid-droga b'dan li r-raza misjuba mill-Pulizija ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Francis Michael Stuart Saliba sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi Francis Michael Stuart Saliba talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma

kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-lgi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w r-regoli 4(a), 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939), u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat mhux hati skond l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Francis Michael Stuart Saliba, mhux hati skond l-uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-akkuzat mehlus, u, jekk ma hux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------